

## DEĊIJONIJIET

### DECİJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1792

tal-11 ta' Ottubru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (¹).
- (2) L-Unjoni Ewropea ma tirrikonoxx l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa.
- (3) Mill-annessjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol 'il hawn, il-Federazzjoni Russa ilha tagħimel sforzi kontinwi biex dawk it-territorji okkupati jiġu soġġetti għall-governanza tagħha. B'mod partikolari, il-Federazzjoni Russa tuża s-setgħat tal-ġudikatura tagħha biex toppressa l-opponenti tal-annessjoni illegali tagħha tal-Krimea u Sevastopol.
- (4) Diversi mħallfin, prosekuturi u uffiċjali tas-sigurtà huma responsabbi għall-infurzar tal-liġi Russa fil-Krimea u Sevastopol okkupati illegalment. Dawk il-persuni kienu qed jieħdu deċiżjonijiet preġudikati favur ir-Russja f'diversi proċedimenti kriminali politikament motivati jew iħarrku attivisti favur l-Ukrajna jew jintensifikaw il-kampanja ta' oppressjoni kontra l-opponenti tal-annessjoni illegali.
- (5) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu tmien individwi mal-lista' ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għar-rwol tagħhom fl-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
J. PODGORŠEK*

---

## ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

|       | Isem  | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni   | Raġunijiet   | Data tal-elenkar |
|-------|---|--|--|------------------|
| "193. | Mikhail Nikolaevich BELOUSOV<br><br>(Михаил Николаевич Белоусов)    | Sess: Raġel;<br>Data tat-twelid: 26.11.1964;<br>Post tat-twelid: ir-Russja;<br>Nazzjonalità: Ukrena, Russa (l-Unjoni ma tirrikonoxx passaporti mahrugha mill-Federazzjoni Russa fil-Krimea);<br>Indirizz: 117 Balaklavs'ka St, App 48, Simferopol, Crimea, Ukraine | Imħallef fil-Qorti Distrettwali ta' Kievskiy f'Simferopol.<br>Huwa ħa għadd ta' deċiżjonijiet preġudikati f'każijiet politikament motivati kontra opponenti tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ūkrajna.   | 11.10.2021       |
| 194.  | Andrey Nikolaevich DOLGOPOLOV<br><br>(Андрей Николаевич Долгополов) | Sess: Raġel<br>Data tat-twelid: 15.2.1959<br>Post tat-twelid: il-Kirgiżistan;<br>Nazzjonalità: Ukrena, Russa (l-Unjoni ma tirrikonoxx passaporti mahrugha mill-Federazzjoni Russa fil-Krimea)<br>Indirizz: 82 Peremohy Ave, App. 343, Simferopol, Crimea, Ukraine. | President tal-Qorti Distrettwali ta' Kievskiy f'Simferopol.<br>Huwa ħa għadd ta' deċiżjonijiet preġudikati f'każijiet politikament motivati kontra opponenti tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ūkrajna.  | 11.10.2021       |
| 195.  | Yevgeniy Sergeevich KOLPIKOV<br><br>(Евгений Сергеевич КОЛПИКОВ)    | Sess: Raġel<br>Data tat-twelid: 6.5.1974.<br>Post tat-twelid: Beryozovskaya, id-Distrett ta' Danilovsky, Oblast ta' Volgograd, ir-Russja;<br>Nazzjonalità: Russa;  | Prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekurut Militari tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa f'Rostov-on-Don.<br>Huwa ħarrek lill-attivisti favur l-Ūkrajna oppressi minħabba li opponew l-annejsoni tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. Huwa ressaq akkużi quddiem qorti fil-Federazzjoni Russa kontra ċ-ċittadini Ukreni li kienu ġew trasferiti bil-forza mill-Peniżola okkupata tal-Krimea. Huwa b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ūkrajna. | 11.10.2021       |

|      | Isem  | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni  | Raġunijiet  | Data tal-eLENKAR |
|------|---|---|---|------------------|
|      |   | <p>Indirizz: Military Prosecutor's Office of the Southern Military District of the Russian Federation. Pushkinskaya Ulitsa, 72A, Rostov, Rostov Oblast, Russia, 344022</p> <p>Tel. (+ 7) 8863263-04-67, (+ 7) 8863282-79-68</p> |   |                  |
| 196. | Magomed Farmanovich MAGOMEDOV<br><br>(Магомед Фарманович Магомедов)   | <p>Sess: Raġel;</p> <p>Data tat-tweliż: 5.2.1981</p>  | <p>Investigatur ta' każijiet specjalji fl-Ewwel Dipartiment tal-Investigazzjoni, Direttorat għall-Investigazzjoni ta' Każijiet Partikularment Importanti tad-Dipartiment Prinċipali tal-Investigazzjoni tal-Kumitat Investigattiv tar-Russja għar-Repubblika tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol.</p> <p>Huwa kien involut f'investigazzjonijiet kriminali politikament motivati kontra l-mexxejja tal-Mejlis tal-Poplu Tatar tal-Krimea mħarrka minħabba l-oppożizzjoni attiva tagħhom għall-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea. Huwa b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 11.10.2021       |
| 197. | Leonid Vladimirovich MIKHAILIUK<br><br>(Леонид Владимирович МИХАЙЛЮК) | <p>Sess: Raġel</p> <p>Data tat-tweliż: 1.1.1970 JEW<br/>8.7.1963</p> <p>Nazzjonalietà: Russa;</p> <p>Indirizz (Xogħol): 295034, Simferopol, 13 I. Franko blvd., Crimea, Ukraine</p>   | <p>Kap tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) fil-Krimea u Sevastopol u tal-Kumitat regionali Kontra t-Terroriżmu.</p> <p>Mexxa l-forzi tal-FSB, li intensifikaw il-kampanja ta' oppressjoni kontra l-opponenti tal-okkupazzjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. Uħud mill-aktivisti favur l-Ukrajna detenuti mill-unitajiet tal-FSB taħt il-kmand tiegħu ġew trasferiti bil-forza lejn Krasnodar u Rostov-on-Don fir-Russja. Huwa b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>   | 11.10.2021       |

|      | Isem   | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni  | Raġunijiet  | Data tal-eLENkar |
|------|--|---|---|------------------|
| 198. | Viktor Anatolyevich MOZHELIANSKIY (Виктор Анатольевич Можелянский) | Sess: Raġel<br>Data tat-twelid: 10.5.1964<br>Post tat-twelid: Kharkiv, l-Ukrajna<br>Nazzjonalit : Ukrena, Russa (l-Unjoni ma tirrikonoxx passaporti maħruġa mill-Federazzjoni Russa fil-Krimea)<br>Indirizz: 35 Marshala Zhukova St, App. 53, Simferopol, Crimea, Ukraine or Anhars'ka St, 8 Simferopol, Crimea, Ukraine. | Vi i president tal-Qorti Distrettwali  entrali f'Simferopol u eks imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Kievskiy f'Simferopol.<br>Huwa ħa għadd ta' deċiżjonijiet preġudikati f'każiġiet politikament motivati kontra opponenti tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa b'hekk appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.  | 11.10.2021       |
| 199. | Galina Vladimirovna REDKO (Галина Владимировна Редько)             | Sess: Mara<br>Data tat-twelid: 22.3.1974<br>Post tat-twelid: Romany, Oblast ta' Poltava, l-Ukrajna;<br>Nazzjonalit : Ukrena, Russa (l-Unjoni ma tirrikonoxx passaporti maħruġa mill-Federazzjoni Russa fil-Krimea)  | Imħallef tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Krimea.<br>Hija ħadet għadd ta' deċiżjonijiet preġudikati f'każiġiet politikament motivati kontra opponenti tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Hija b'hekk b'mod attiv appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.  | 11.10.2021       |
| 200. | Vladimir Nikolaevich TERENTEV (Владимир Николаевич Терентьев)      | Sess: Raġel;<br>Data tat-twelid: 11.11. 1977<br>Post tat-twelid: Voronezh, ir-Russja<br>Nazzjonalit : Russa<br>Numru tal-passaport, numru tal-ID nazzjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità: 03 01 118013  | Kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Princípali tal-Kumitat Investigattiv tar-Russja għar-Repubblika tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol.<br>Huwa ssorvelja l-attivitàjet tal-Kumitat fil-każiġiet politikament motivati kontra l-attivitàst fuvar l-Ukrajna oppressi għall-azzjonijiet taġħhom li kellhom il-mira li jopponu l-annessjoni illegali tal-Ukrajna u r-restawr tal-integrità territorjali tal-Ukrajna.<br>Huwa mexxa l-ħidma tal-investigaturi kriminali u b'hekk b'mod attiv huwa appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 11.10.2021"      |